MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 5/1996/1

Rikors Nru: 5B/96

Alfred u Concetta Briffa u Emanuel u Carmen Borg

Vs

Carmelo Agius, Joseph Vassallo u Emanuela Busuttil

Il-Bord,

Ra r-rikors ta Alfred Briffa et li jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti huma propjetarji tal-ghalqa fil-limiti ta Haz Zebbug maghrufa bhala ta Dnaiar, tal-kejl superficjali ta madwar 10T 4S 5K, pari ghal 12,084 metri kwadri, liema ghalqa ghandha faccata fuq Triq Trapna u tikkonfina Lvant mal-imsemmija trie, Tramuntana ma propjeta ta Maria Visconti u Nofsinhar mal-propjeta tal-Joint Office, liema ghalqa hija mqabbla lill-intimati bil-qbiela ta Lm17 fis-sena li jithallsu kull 15 ta Awissu ta kull sena.

Illi r-rikorrenti ghandhom bzonn din l-ghalqa ghall-uzu taghhom stante li Alfred Briffa huwa full-time bidwi u jaqla l-ghixien tieghu mill-hdiem tal-ghelieqi fuq imsemmija.

Illi l-bzonn tar-rikorrenti huwa aktar kbir mill-bzonn tal-intimati stante li l-ghixien taghhom ma jiddendix mill-hdim tar-raba, imma minn sorsi ohra.

Illi barra minn hekk l-esponenti applikaw ghall-permessi tal-bini ta farm fuq l-art I kwistjoni biex ikunu jistghu ikabbru l-prodott taghhom kif ukoll ghat-trobbija tal-annimali.

Illi huma jinhtiegu li l-art imqabbla lill-intimati tirriverti fil-pussess shih taghhom mill-aktar fis stante li l-ghixien taghhom jiddependi fuq il-prodott tar-raba u fuq it-trobbija ta l-annimali.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna r-ripresa tal-ghalqa fil-limiti ta Haz Zebbug, Malta maghrufa bhala ta Dnaiar tal-kejl superficjali ta 10T 4S 5K pari ghal 12,084 metri kwadri, liema ghalqa ghandha faccata fuq Triq Trapna u tikkonfina Lvant mal-imsemmija triq, Tramuntana ma propjeta ta Maria Visconti u Nofsinhar mal-propjeta tal-Joint Office, liema ghalqa hija mqabbla lill-intimati bil-qbiela ta Lm17 u dan fi zmien qasir u perentorju u dan wara li l-intimati jiehdu l-kumpens xieraq kif stabbilit minn dan il-Bord u taht dawk il-provvedimenti u ordnijiet kif stabbiliti min dan il-Bord.

Ra r-risposta ta Carmelo Agius et li jesponu bir-rispett:

Illi mhu veru xejn li r-rikorrenti ghandhom bzonn din l-ghalqa ghall-uzu taghhom u dan ghaliex ir-rikorrenti ghandhom diversi ghelieqi ohra.

Illi l-hardship li jsofru l-intimati jekk ir-rikorrenti jiehdu lura din l-art ser ikun hafna akbar ghall-intimati li jiddependu

ghal parti sostanzjali tal-ghixien taghhom mid-dhul ta din l-ghalqa.

Ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra n-noti tas-sottomissjonijiet

Ra l-verbal tat-2 ta Gunju 2004

Ikkonsidra,

1. Il-kawzali li fuqha r-rikorrenti qed jitoblu li jiehdu f'idejhom ir-raba hija l-bzonn. Ir-rikorrent Alfred Briffa jghid li huwa bidwi full time u jaqla l-ghixien tieghu mill-hidma fl-ghelieqi. Izid li hu u r-rikorrenti l-ohra applikaw ghall-permessi tal-bini ta farm fuq l-art in kwistjoni biex izidu l-prodott u jrabbu l-annimali. Dan il-bzonn huwa akbar minn dak ta l-intimati billi dawn ta l-ahhar ma jiddependux ghall-ghixien taghhom mill-hidma fir-raba, imma min ghejjien ohra.

2. Fis-sentenza in re "Calleja et vs Calleja et" (6 ta Ottubru 2000) l-Onorabbli Qorti tal-Appell fissret hekk 'l-iter procedurali':

"a. Il-Bord kellu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba kien jehtiegu biex jigi uzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja tieghu personalment. Din il-prova kellha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok min sid il-kera.

b. Il-kerrej mbaghad jipprova li r-raba in kwistjoni kien fonti importanti ta l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu.

c. Jekk dan l-element jigi sodisfacentement pruvat mill-kerrej, il-Bord kellu jintroduci l-ezami komparattiv li l-ligi tesigi biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien

ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh. F’din ic-cirkostanza t-talba ghar-ripresa kienet tigi michuda.

3. Ir-raba in kwistjoni gie mixtri mir-rikorrent Alfred Briffa u hatnu r-rikorrent Emanuel Borg fid-29 ta Ottubru 1993 b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin bil-prezz ta ghaxart elef lira Maltija (fol 94/95 pprezentat mill-intimati) inxtrat biex jahdmuha ghall-ghixien. Briffa jghid li hu full time farmer.

“ahna l-artijiet nahdmuhom jien, it-tifla xebba, kif ukoll il-familja tat-tifla l-ohra li hija mizzewwga lil Emanuel Borg li ma ghandux xoghol iehor. Emanuel Borg qabel kien jahdem fil-gebel. Minhabba ugiegh li qabdu f’irkobbtu ma jistax jibqa jahdem fil-gebel u xtrajt din l-art mhabba f’hekk. Illum il-gurnata jahdem fir-raba mieghi.”

4. Borg xehed bl-istess mod, jahdem biss part-time bhala bidwi u “ma ghandix fejn nahdem bizzejjed” (fol 17), esibixxa certifikat mediku u dokumenti ohra.

5. Mad-Dipartiment ta l-Agrikoltura Alfred Briffa kien registrat bhal part-time fis-16 ta Novembru 1974 imbaghad qaleb full time fl-1 ta Jannar 2000. Dan ir-rikors gie prezentat fit-12 ta Marzu 1996 u fih inkiteb li r-rikorrent Briffa huwa full time. Meta xehed fl-20 ta Jannar 1997 stqarr li hu ‘full time u bhala prova ta dan intabata li jgib il-biljett tar-raba tieghu numru 130. Mix-xhieda ta ufficjal tas-Sigurta Socjali r-rikorrent ha “invalidity pension mid-29 ta Mejju 1999 u irtira mix-xoghol fl-24 ta Lulju 1999. (fol 137). Mal-Korporazzjoni ta l-Impjieg u Tahrig kien farmer full time mill-1966 sa l-1990 part time farmer sa l-1988 u full time farmer mit-28 ta Mejju 1988 sa l-10 ta Settembru 1998.

6. Mad-Dipartiment ta l-Agrikoltura ir-rikorrent Borg ilu registrat part time mit-3 ta April 1997. Meta xehed fl-20 ta Jannar 1997 qal li jahdem part time. Ghandu registrat fuq ismu truck mis-16 ta Ottubru 1996 u krejn mit-23 ta Ottubru 1996. Mal-Korporazzjoni ta l-Impjieg u Tahrig hu registrat bhala li jahdem ghar-rasu l-

hin kollu bhala ‘Labourer’. Ilu jahdem hekk mill-1982 meta kellu dsatax il-sena (19) – fol 152.

7. Ghalkemm trid issir differenza bejn ir-rabta ta bniedem vis a vis l-Awtorita f’certu hwejjeg u r-rabta bejn sid u kerrej il-fatti msemmija fil-paragrafi 5 u 6 idghajfu l-element ta bzonn li ssemmi l-ligi.

“il-kelma ‘requires’ fil-kuntest li hija uzata fl-Art 4 (2) (b) insibuha wkoll uzata fil-ligi tal-kera, u fil-fehma tal-Bord ghandu jkolla l-istess sinjifikat u interpretazzjoni li gie moghti lil din il-kelma f’dik il-ligi. Infatti huwa car li l-kelma ‘requires’ bhala ‘mehtieg’ fit-text Malti, tindika ‘bzonn’ mhux semplici xewqa jew preferenza. Ghalhekk hu applikabbli dak li qalet il-Qorti ta l-Appell f”A. Saliba vs M.Caruana’ (28 ta Mejju 1966) illi “l-piz tal-provi ta dan il-bzonn hu fuq is-sid li jehtieg juza mhux biss li hu qed jagixxi in buona fede, imma anke li hu ghandu bzonn li jirriprendi pussess tal-fond. Certament mhux mehtieg tigi ppruvata necessita assoluta, izda jehtieg jigi ppruvat grad ragjonevoli ta bzonn. (“Portelli et vs Saliba”, sentenza moghtija mill-Bord u konfermata fl-Appell fit-13 ta Jannar 1999).

8. Il-Bord kien jistenna li r-rikorrenti jirribattu dak li jidher ufficjalment u mhux ihallu kollox ghaddej. Ir-rikorrent Alfred Briffa ma kienx tajjeb ghax-xoghol u wara hareg bil-pensjoni. L-intimat Carmel Agius isostni ukoll li Briffa kien biegh permess li kellu ghat-trobbija tal-majjali f’razzett. Dan huwa aktarx f’Tal Handaq, imsemmi minn Briffa meta l-Bord qallu biex jixhed biex jiccara l-affarijiet. Kellu dan ir-razzett u nehha l-permess tal-majjali. Ma jistax jinghad li Briffa ‘jaqla l-ghixien tieghu mill-hdim tal-ghelieqi mill-ghelieqi imsemmija’ (ara r-rikors). Fir-rikors jinghad ukoll:

“l-esponenti applikaw ghall-permessi tal-bini ta farm fuq l-art in kwistjoni biex ikunu jistghu ikabbru l-prodott taghhom kif ukoll ghat-trobbija tal-annimali.”

Briffa tefa applikazzjoni (Dok ED2 a fol 182) lill Awtorita ta l-Ippjanar tlett snin wara li ressaq ir-rikors. Din

l-applikazzjoni tirreferi ghall-art ohra u mhux ghal dik in kwistjoni. Sant'Andrija u mhux ta Dnaiar kif ammetta Briffa. Haga bhal din ma tirreflettix tajjeb fuq l-allegat bzonn tar-rikorrenti.

9. Dwar Emanuel Borg jirrizulta li dan wara l-prezentata tar-rikors, meta suppost ma kienx tajjeb biex jahdem fil-bini, xtara fuq ismu 'truck' u 'crane'. Din irrizultat min xhud indipendenti u turi li dak li jghid l-intimat Carmelo Agius hu s-sewwa.

"sa llum dan ghadu jahdem bhala kuntrattur fil-gebel u mhu veru xejn li kellu jieqaf minn dan ix-xoghol minhabba li wegga. Fil-fatt naf li ghandu crane u truck u ghadu sa llum jahdem bihom" (fol 78).

10. Dwar l-art ohra f'idejn ir-rikorrent Briffa (sitt itmiem) l-intimat Carmelo Agius iddikjara

"la Alfred Briffa u lanqas Emanuel Borg qatt ma uzawha din ir-raba. Sa recenti din ir-raba li qeghda in-naha ta Hal Mula, Haz Zebbug stess, kienet qed tinhadem mit-tifel ta hija Reno Agius. Alfred Briffa kien ilu jhalli lil Reno Agius jahdem din l-ghalqa minn xi tmin snin ilu peress li kien gharus ghandhom. Qatt ma hadem fiha Alfred Briffa safejn naf jien u lanqas Emanuel Borg ma qatt hadem fiha" (fol 78 – affidavit tas-26 ta Awissu 1999)

11. Fil-11 ta Novembru 1973 Briffa xtara ghalqa mlaqqma 'Tal Faham' sive 'Ta Sqaq iz-Ziemel'. Ftit wara bieghha lill-bintu Maria Dolores (fol 101 u 103). Tassew li llum ghadda z-zmien imma Briffa kien diga part time farmer.

12. Dak li jinghad fin-nota ta sottomissjonijiet tar-rikorrenti li l-ghixien ta Briffa 'huwa mill-ghalqa in kwistjoni' ma giex ippruvat. Lanqas gie pruvat il-bzonn ta Borg jew ta xi hadd iehor. Il-permess hareg fuq art ohra u mhux fuq l-art in kwistjoni.

Billi r-rikorrenti ma ppruvawx li ghandhom bzonn ir-raba maghrufa bhala ta Dnaiar ic-chairman jichad it-talbiet taghhom bl-ispejjez kontrihom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------